# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XIII**
**Illum it-Tnejn, 29 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 253/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Geoffrey Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Geoffery Azzopardi talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Settembru 1994 u matul is-snin qabel l-11 ta' Settembru 1994: (**1**) kellu fil-pussess tieghu id-dorga erojina bi ksur tal-ligi; (**2**) forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura, id-droga erojina, bi ksur tal-ligi; kien akkuzat ukoll talli (**3**) sar recediv billi kien instab hati ta' reati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Awissu, 1991 u tas-16 ta' Frar, 1994.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Geoffrey Azzopardi hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet, izda mhux hati skond it-tielet imputazzjoni (tar-recidiva), u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn u multa ta' tmien mitt lira (Lm800) "dekorribbli mid-data li tkun giet espijata l-piena ta' prigunerija, u pagabbli b'rati mensili ta' mhux anqas minn Lm50 bid-dekadenza mill-beneficju tat-terminu fil-kaz li l-imputat jonqos milli jhallas pagament wiehed";

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Geoffrey Azzopardi, minnu ppresentat fis-16 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2001; ikkunsidrat:

Tajjeb li qabel xejn jigi precisat – kif ukoll ghamlet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha – li l-appellant odjern, allura imputat, gie akkuzat quddiem il-Qorti Inferjuri biss f'Dicembru tal-1997. In fatti huwa tressaq mhux b'arrest izda b'citazzjoni, liema citazzjoni giet registrata fid-9 ta' Dicembru, 1997; u l-ewwel udjenza quddiem dik il-qorti inzammet

fis-27 ta' Jannar, 1998. Dan qed jinghad biex wiehed jispjega, in parti, it-trapass taz-zmien bejn id-data tar-reati li taghhom Azzopardi instab hati u d-data tas-sentenza ta' l-ewwel qorti. Ma huwiex car ghala l-Pulizija Ezekuttiva damet daqshekk biex tressaq lil Azzopardi. Ghalkemm xhud tal-prosekuzzjoni kellha kaz ta' drogi pendenti kontra taghha u, presumibbilment, dana l-kaz taghha kellu l-ewwel jigi deciz biex dina tkun tista' tixhed kontra l-appellant odjern, il-kaz kontra din ix-xhud gie definittivament deciz fil-25 ta' Novembru, 1994. Anke l-ordni ta' l-Avukat Generali, maghmul skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101, sabiex Azzopardi jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (ara fol. 4 ta' l-atti) inhareg f'Ottubru ta' l-1994.

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti imponiet fuqu piena karcerarja peress li kienet tal-fehma li kien hu li beda lil certa Rachel Grima (illum Mifsud) fuq id-droga erojina. L-appellant, pero`, jghid li din Grima kienet diga tiehu d-droga cannabis qabel ma kien iltaqa' maghha, u li fi kwalunkwe kaz meta din xehdet quddiem il-Qorti Inferjuri hija ghamlitha cara li l-erojina kienet bdiet tehodha volontarjament, fis-sens ghax riedet hi, u mhux ghax giet imgieghla mill-appellant (ghalkemm l-appellant kien ghena u wriha kif tinjetta l-erojina u kien anke jaqsam maghha l-erojina li kien ikollu). L-appellant jghid ukoll li fis-zmien tar-reat in kwistjoni, huwa kien ukoll dipendenti fuq l-erojina u kien ilu hekk ghal seba' snin. Fil-kors tat-trattazzjoni ta' l-abbili difensur ta' l-appellant irrisulta li l-appellant kien tqieghed taht ordni ta' *probation* b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta' Lulju, 1997. L-appellant jikkontendi li minn mindu kien hekk tqieghed taht ordni ta' *probation* huwa biddel hajtu radikalment u llum jinsab jahdem regolarment u qata` kompletament mill-hajja tad-droga.

Effettivament quddiem l-ewwel qorti kienet xehdet l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri. Din fissret il-bidla li sehhet fl-appellant wara li kien spicca jiskonta piena ta' prigunerija ta' sentejn li kienet giet konfermata minn din il-Qorti (Qorti ta' l-Appell Kriminali) fil-21 ta' Ottubru, 1996; u li sakemm kien taht is-supervizjoni taghha mhux biss kien sab xoghol izda kien regolarment jaghmel it-test tal-urina, liema test dejjem irrizulta fin-negattiv ghal dik li hi droga.

Din il-Qorti tosserva wkoll li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ghamlitha cara li ghal dak li jirrigwarda l-akkuza ta' traffikar – li kienet aktar fin-natura ta' "sharing" bejn zewg tossikodipendenti – dan it-traffikar sehh fis-sena 1993. Dan ifisser li d-disposizzjoni tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101, li tipprojbixxi l-applikazzjoni ta' diversi disposizzjonijiet (fosthom l-Artikolu 28A tal-Kap. 9) fil-kaz ta' traffikar, kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Dana s-subartikolu (9), in fatti, gie introdott bl-Att VI ta' l-1994 li gie fis-sehh fit-22 ta' Frar, 1994. S'intendi, anke il-piena ghat-traffikar kienet differenti fl-1993: skond l-Artikolu 22(2)(b)(i) kif kien dak iz-zmien, il-piena kienet ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn hames snin u multa ta' mhux anqas minn mitejn lira izda mhuz izjed minn elfejn lira.

Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-kaz, u waslet ghall-konkluzzjoni li, tenut kont specjalment tat-trapass taz-zmien minn meta gie kommess ir-reat – specjalment dak ta' traffikar – kif ukoll tal-fatt li l-appellant dak iz-zmien kien ukoll tossikodipendenti, u ta' l-istabbilita` li jidher li llum hemm fil-hajja tieghu, huwa opportun li l-piena ta' prigunerija tigi sospiza u anke il-multa titnaqqas biex tigi facilitata r-reintegrazzjoni ta' l-istess appellant fis-socjeta`. Il-Qorti qed taghmilha cara li huwa biss eccezzjonalment li piena ta' prigunerija effettiva (u fit-tul) ma tkunx indikata ghar-reat ta' traffikar; u f'dan il-kaz is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija hija possibbli biss minhabba l-ligi kif kienet qabel l-emendi ta' l-1994.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tilqghu bil-mod kif gej u cioe` billi (a) thassar u tirrevoka is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' tmien mitt lira pagabbli b'rati ta' mhux anqas minn hamsin lira fix-xahar, u minflok tikkundannah multa ta' hames mitt lira (Lm500), pagabbli b'rata ta' mhux anqas minn tletin lira fix-xahar, bl-ewwel pagament dovut mhux aktar tard minn nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001, u bid-dekadenza mill-beneficcju tal-hlas rateali fil-kaz ta' nuqqas ta' pagament anke wiehed biss; u (b) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija b'dan li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, il-piena ta' sentejn prigunerija m'ghadhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba' (4) snin mill-lum, l-imsemmi Geoffrey Azzopardi jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-imsemmi Kodici, il-Qorti qieghda tqieghed lill-istess Geoffrey Azzopardi taht is-supervizjoni ta' l-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri bhala ufficjal sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-periodu operattiv, u cioe` erba' snin mill-lum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant kemm ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll l-effetti ta' l-ordni ta' supervizjoni.

Fl-ahhar nett tordna li kopja ta' l-ordni ta' supervizjoni anness ma' din is-sentenza jigi minnufih notifikat lill-ufficjal sorveljanti, u tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur

## Qorti ta' l-Appell Kriminali

Imhallef:

**Onor. Vincent De Gaetano LL.D.**

**Ordni ta' Supervizjoni**
(Artikolu 28G, Kap. 9)

Billi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Novembru, 2000 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Geoffrey Azzopardi*, kif modifikata bis-sentenza moghtija llum, 29 ta' Jannar, 2001 minn din il-Qorti fl-istess ismijiet (App. Numru 253/2000 VDG), l-imsemmi Geoffrey Azzopardi gie kkundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin;

U billi din il-Qorti hi tal-fehma li hu desiderabbli li jsir hekk;

Tordna li l-imsemmi Geoffrey Azzopardi, iben Joseph u Carmen nee` Tonna, numru tal-karta tal-identita` 212773(m) jitqieghed taht is-supervizjoni tal-ufficjal sorveljanti Mariella Camilleri li hija wahda mill-ufficjali tal-*probation* mahtura bis-sahha ta' l-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin, u dan ghall-periodu ta' erba' (4) snin mill-lum.

Imhallef

Illum, 29 ta' Jannar, 2001